MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-4 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 26/2018/1 LM

**Nigel Pace Asciak (K.I. Nru 274273M)**
*(l-appellat)*

***vs*.**

**Awtorità għat-Trasport f'Malta**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata l-**Awtorità għat-Trasport f'Malta** [minn issa 'l quddiem "l-Awtorità appellanta"] mid-deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Jannar, 2019, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mit-

Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], li permezz tagħha ddeċieda billi laqa' l-ewwel talba tar-rikorrent **Nigel Pace Asciak** [minn issa 'l quddiem "l-appellat"] u annulla d-deċiżjoni tal-Awtorità appellanta kif komunikata lilu permezz tal-ittra tat-2 ta' Marzu, 2018, filwaqt li ċaħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Awtorità intimata, bl-ispejjeż kontriha.

## Fatti

2. Il-fatti ta' dan l-appell jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-appellat magħmula lill-Awtorità appellanta sabiex il-vettura tiegħu tal-għamla *Land Rover 90* bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBA 871 [minn issa 'l quddiem "il-vettura"] tiġi kklassifikata bħala vettura *vintage ai termini* tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda mill-imsemmija Awtorità appellanta permezz ta' ittra tat-2 ta' Marzu, 2018[1], peress li l-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage* [minn issa 'l quddiem "il-Kumitat"] ikkunsidra li l-vettura kellha *"non-period engine"*.[2] Fil-fatt il-magna tal-vettura ma kinitx dik oriġinali tagħha kif imqiegħda mill-manifattur, peress li kienet ġiet mibdula.

## Mertu

3. L-appellat intavola proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' rikors fit-23 ta' Marzu, 2018, fejn talab lill-imsemmi Tribunal

[1] *A fol.* 15.
[2] Ara *Disqualification Report* a *fol.* 16.

sabiex jiddikjara li d-deċiżjoni tal-Awtorità appellanta li ma taċċettax l-applikazzjoni sabiex il-vettura tiegħu tiġi kklassifikata bħala vettura *vintage,* kienet infondata fil-fatt u inġusta, u konsegwentement tikkundanna lill-imsemmija Awtorità appellanta sabiex tiddikjara l-vettura bħala vettura *vintage* u toħroġ iċ-ċertifikati u d-dokumentazzjoni relattivi, bl-ispejjeż kontriha.

4. L-Awtorità appellanta wieġbet billi eċċepiet primarjament li d-deċiżjoni tagħha mogħtija *tramite* l-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage* kienet waħda ġusta u korretta u għalhekk l-appell interpost minn dik id-deċiżjoni kellu jiġi miċħud. Fil-mertu l-appellanta eċċepiet li l-vettura ma tikkwalifikax bħala vettura *vintage* għaliex il-magna ma kinitx l-oriġinali.

## Is-Sentenza Appellata

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"**Ikkunsidra**:*

*Illi r-rikorrent pproċeda b'dan ir-rikors stante li ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata notifikata lilu permezz ta' ittra datata 2 ta' Marzu 2018 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-applikazzjoni tiegħu sabiex il-vettura tiegħu tal-għamla Land Rover tiġi kklassifikata bħala vettura* vintage *kienet ġiet rifjutata peress li kellha* a non-period engine.

***Ir-rikorrent** stqarr illi huwa xtara l-vettura in kwistjoni fl-2016 u ilu għal żmien twil jinteressa ruħhu fil-mudell Land Rover u għandu anke vettura oħra tal-istess mudell u mudelli iktar antiki minn dik mertu ta' dan l-appell. Jispjega li huwa m'għamel l-*

*ebda modfika fuq il-vettura wara li xtraha, però kien konxju li l-magna tagħha kienet ġiet mibdula. Jispjega li l-magna oriġinali kienet 2495 Diesel filwaqt li dik mibdula hija 2495 Diesel.*

***Joseph Abela**, membru tal-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi* Vintage, *jispjega li fil-każ odjern il-vettura kienet tat-tip Land Rover 90 tal-1988 li kienet ħarġet mill-fabbrika b'magna tissejjaħ* "diesel turbo"*. Jispjega li l-magna* "turbo diesel" *kienet tintuża fuq mudell ieħor imsejjaħ Range Rover. Jispjega li fl-1989 il-kumpannija Land Rover żviluppat il-mudell Discovery li kellu magna* "diesel turbo" *però b'kunċett totalment differenti mid-*"diesel turbo" *li wieħed kien isib fuq il-Land Rover 90. Il-magna* "diesel turbo" *iffittjata fuq il-mudell Discovery kien b'*cylinder head *tal-*aluminium *biex jitnaqqas il-piż u l-ħoss żejjed tal-magna u diversi mekkaniżmi biex tissaħħaħ il-magna. Inoltre, fl-1990 il-fabbrika Land Rover ħarġet il-mudell Defender b'magna ġdida u ċioé TDI 200. Ix-xhud jispjega li l-magna fuq il-vettura tar-rikorrent hija proprju ta' dan il-mudell. Dan ġie stabbilit peress li l-prefiss tal-magna tal-vettura odjerna jirriżulta mil-*log book *li huwa 12L li jikkorrispondi ma' magna TDI 200.*

***Albert Pisani**, membru ieħor tal-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi* Vintage, *spjega li l-vettura in kwistjoni kellha ffittjata fiha magna li ħarġet sentejn wara dik li kienet iffittjata oriġinarjament fuq l-istess vettura. Jispjega li l-magna tal-vettura in kwistjoni għandha l-istess kapaċità tal-magna li kellha qabel, però l-mudell fuq il-vettura in kwistjoni kien mudell li ħareġ fuq tip ta' vettura oħra wara li l-produtturi skoprew li l-magna oriġinali ma kinitx b'saħħitha biżżejjed għat-*turbo *aġġunt magħha.*

***Ikkunsidra:***

*Illi din il-kwistjoni hija waħda pjuttost sempliċi. Filwaqt li l-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi* Vintage *qiegħed isostni li l-bdil fil-magna jiskwalifika lill-vettura in kwistjoni milli tiġi kklassifikata bħala* vintage*, ir-rikorrent qiegħed isostni li tali bdil huwa wieħed li ma jbiddel xejn min-natura tal-magna stante li għandha l-istess ċilindrata u anke l-istess* bore *u* stroke*. Dan kollu jirriżulta minn dokument B esebit mir-rikorrent a fol. 44* et seq. *tal-proċess.*

*Illi l-Awtorità intimata għandha linji gwida li l-Kumitat imsemmi għandu jimxi fuqhom sabiex jikklassifika l-vettura bħala* vintage. *Skont paragrafu 2.2. tal-imsemmija linji gwida vettura* vintage *hija definita skont is-segwenti:-*

***"Vintage vehicle means an authentic and genuine vehicle thirty years of age or more (to be reckoned from the date of manufacture), as certified by the Vintage***

***Vehicle Classificiation Committee, which is kept in a state which is as close as possible to its original state as produced by the manufacturer and which respects the spirit of classic and vintage vehicle preservation."*** *(fn. 1 Din hija wkoll id-definizzjoni li l-Kapitolu 368 (Att Dwar ir-Reġistrazzjoni u Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur) jagħti għat-terminu "vetturi* vintage"*)*

*Illi f'paragrafu 3.4 tal-imsemmija linji gwida wieħed isib ukoll is-segwenti:*

***"The engine has to be the same series as that fitted by the manufacturer. If the engine fitted to the applicant vehicle was never fitted by the factory or factory approved third party, this is an automatic failing point. The overall look and feel of the period in question must be respected. Upgrades and engine modifications are accepted as long as they reflect the period."***

*Fil-fatt fl-istess linji gwida wieħed isib eżempji ta' x'inhu aċċettabbli u x'mhuwiex aċċettabbli. Wieħed minn dawn l-eżempji jikkonċerna eżattament vettura tal-għamla Land Rover u ċioé:*

***"Example E3***

***Acceptable: A sixties Land Rover that was originally fitted with a 2286cc Rover petrol engine but is now fitted with a 2286cc Rover diesel engine.***

***Unacceptable: The same vehicle as above originally fitted with a 2286cc rover engine, now fitted with a later 2495cc Rover engine which was never done by the factory."***

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ir-rikorrent jikkontendi li la huwa aċċettabbli li magna* petrol *tiġi mibdula għal waħda* diesel*, iktar u iktar huwa aċċettabli l-bdil li sar fil-magna in kwistjoni, u dan għaliex din żammet l-istess ċilindrata u hija tal-istess epoka. Jissottometti li l-linji gwida jesiġu li l-modifiki jkunu jirriflettu l-epoka u mhux li jkunu tal-istess sena meta l-fabbrika tkun ħarġet il-magna. Min-naħa l-oħra, il-membri tal-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi* Vintage *saħqu li ladarba l-vettura in kwistjoni hija ffittjta b'magna li ħarġet sentejn wara li ħareġ il-mudell Land Rover 90, magna li hi iktar superjuri minn dik oriġinali, l-applikazzjoni kellha tigi miċħuda. Iżjed minn hekk, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-Awtorità intimata tisħaq li r-rikorrent konvenjentement ma jsemmiex l-eżempju ta' meta t-tibdil fil-magna mhux aċċettabbli, u ċioé t-tieni eżempju msemmi hawn fuq.*

*Illi għalhekk dan it-Tribunal irid jara jekk il-Kumitat imsemmi użax id-diskrezzjoni mogħtija lilu sabiex jikklassifika vettura tistax tiġi meqjusa bħala* vintage *jew le b'mod raġonevoli u ġust. Din id-diskrezzjoni neċessarjament toħroġ mill-fatt illi l-paragrafu 3.4 tal-linji gwida ċitat iktar 'il fuq jagħti ċertu libertà lill-membri tal-*

*Kumitat jagħrblu ċ-ċirkostanzi kollha tal-applikazzjoni partikolari sabiex jaslu għad-deċiżjoni tagħhom. Fil-każ in eżami, dak li kellhom jevalwaw huwa jekk il-vettura in kwistjoni, għalkemm mhux b'magna oriġinali, setgħetx tiġi klassifikata bħala* vintage.

*Illi t-Tribunal josserva illi mill-informazzjoni supplita mill-istess rikorrent f'Dokument B a fol 44, u ċioé informazzjoni mniżżla mill-Wikipedia, jirriżulta illi hemm numru ta' speċifikazzjonijiet taż-żewġ mudelli ta' magni li huma l-istess. Dawn prinċipalment huma l-*layout, *il-*valves, *il-*capacity, *il-*bore *u* stroke *u l-*induction. *Filwaqt li l-*block-head, *il-*compression ration, *il-*fuel injection, *il-*power *u t-*torque *għandhom speċifikazzjonijiet differenti.*

*It-Tribunal huwa tal-fehma illi għalkemm hemm xi speċifikazzjonijiet li huma differenti fiż-żewg mudelli, xorta waħda l-magna li l-fabbrika ħarġet sussegwentement għal dik oriġinali tista' titqies tal-istess epoka ai fini tal-linji gwida tal-istess Awtorità. Illi dan it-Tribunal ma jikkondividix l-argument tal-Awtorità intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha illi dan il-każ iktar jixbaħ lit-tieni eżempju msemmi hawn fuq u ċioé li mhux aċċettabbli li magna oriġinali 2286cc rover tiġi mibdula ma' waħda iktar riċenti 2495cc rover li qatt ma kienet manifatturata mill-fabbrika. Dan it-tieni eżempju proprju jirrigwarda magna li qatt ma ġiet manifatturata mill-fabbrika, u iktar minn hekk ta' ċilindrata differenti. Kwindi ċertament ma jistgħux isiru paragauni mal-każ odjern.*

*Di più l-istess linji gwida jistipulaw illi* upgrades *u modifiki huma aċċettabli sakemm jirriflettu l-epoka. Illi fl-opinjoni tat-Tribunal il-fatt li l-vettura in kwistjoni għandha magna li ħarġet fl-1989, meta l-magna oriġinali ħarġet fl-1988, jista' jiġi kkunsidrat bħala* upgrade *li jirrifletti l-epoka. Għaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Kumitat interpreta paragrafu 3.4 tal-linji gwida b'mod ristrettiv ħafna u mhux fl-ispirtu li saru l-istess linji gwida. Li kieku l-Awtorità intimata riedet li l-ebda tibdil ma jkun aċċettabli, allura l-linji gwida ma kinux jiġu redatti kif ġew redatti. Però għaliex l-Awtorità intimata kienet konxja li jista' jkun hemm vetturi li jkunu sarulhom xi modifiki li però jirriflettu l-epoka, ġew redatti l-linji gwida kif ġew redatti. It-Tribunal jirrileva illi jista' jagħti l-każ illi bejn id-definizzjoni vera u proprju ta' vettura* vintage *u l-linji gwida dwar x'inhu u x'mhuwiex aċċettabbli hemm diskrepanzi li jagħtu lok għal diffikultajiet bħal dawn. Għalhekk ikun għaqli li jekk l-Awtorità tħoss li hemm lok ta' xi aġġustamenti fl-istess linji gwida dan isir biex ma jinħolqux problemi ta' dan it-tip. Iżda ladarba l-linji gwida huma dawk li huma, allura t-Tribunal irid jiddeċiedi dan l-appell abbażi tal-istess.*

*Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata kif komunikata lir-rikorrent permezz tal-ittra datata 2 ta' Marzu 2018. Madankollu t-Tribunal ma jistax jittratta l-aħħar żewg talbiet tar-rikorrent stante li huwa ma jistax jarroga lilu nnifsu r-rwol tal-Awtorità intimata u għalhekk mhux qed jieħu konjizzjoni tagħhom."*

## L-Appell

6. L-Awtorità appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-7 ta' Frar, 2019, fejn qiegħda titlob sabiex din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat. L-aggravju prinċipali tagħha huwa li kuntrarjament għal dak li ddikjara t-Tribunal, il-bdil tal-magna tal-vettura wassal sabiex din ma tikkwalifikax bħala vettura *vintage* peress li din ma tkunx l-oriġinali tagħha, jiġifieri tkun *non-period engine.*

7. L-appellat jilqa' għall-appell tal-Awtorità appellanta billi jissottometti li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma fl-intier tagħha għal dawk ir-raġunijiet li jfisser fir-risposta tiegħu.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-Awtorità appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta intavolata mill-appellat u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata.

9. L-Awtorità appellanta tissottometti li kuntrarjament għal dak li sostna t-Tribunal, ma kienx il-każ li l-bdil tal-magna tal-vettura "ma jbiddel xejn min-natura tal-magna stante li għandha l-istess ċilindrata u anke l-istess *bore* u *stroke"*. Issostni li l-bdil tal-magna kien wassal sabiex din ma tikkwalifikax bħala vettura *vintage* għaliex tali magna ma baqgħetx il-magna oriġinali tagħha jew saret *non-period engine.* Tgħid li dan il-fattur huwa '*an over-riding consideration'* għaliex kien inutili li l-vettura altrimenti tkun nżammet viċin kemm jista' jkun l-istat oriġinali tagħha, għaliex wara kollox il-magna kienet l-iżjed parti importanti tagħha. Tkompli tgħid li t-Tribunal ikkonsidra li ġaladarba kien hemm ħafna somiljanzi bejn il-magna oriġinali tal-mudell tal-vettura u dik li ħarġet sentejn wara u li tpoġġiet fil-vettura mill-appellat, din tal-aħħar kellha titqies li hija tal-istess epoka tal-mudell tal-vettura u b'hekk il-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage* kellu juża d-diskrezzjoni tiegħu billi jaċċetta l-applikazjoni tiegħu. Tirrileva li għall-kuntrarju magna li tkun ħarġet wara li jkun ħareġ il-mudell tal-vettura ma setgħetx titqies 'tal-istess epoka' u l-*policy guidelines* jew *POL19 Policy guidelines used for the classification of vintage vehicles* maħruġa bħala l-Verzjoni 6 fil-1 ta' Ġunju, 2017, [minn issa 'l quddiem "il-linji gwida"] kienu ċari f'dan ir-rigward. L-appellat fix-xhieda tiegħu in kontroeżami jammetti li l-vettura kienet ħarġet b'magna 2295 *diesel,* filwaqt li l-magna li poġġa huwa kienet 2495 *turbo diesel.* Hawnhekk l-Awtorità appellanta in sostenn tal-argument tagħha tagħmel riferiment għax-xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 t'Ottubru, 2018, minn Alfred Pisani, membru tekniku tal-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage*, li tgħid li huwa espert kbir tal-*Land Rovers*, filwaqt li tissottometti li l-magna li tpoġġiet ma kinitx teżisti fiż-żmien meta ħarġet il-vettura mill-manifattur, u għalhekk

tistaqsi kif seta' jingħad li din kienet tal-istess epoka. Għalhekk kien korrett il-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage* meta ċaħad l-applikazzjoni tal-appellat. Jirrileva li t-Tribunal straħ fuq eżempju mill-*guidelines* ikkwotat mill-appellat stess, iżda dan l-eżempju saħansitra kien ikompli jikxef il-pożizzjoni mhux sostenibbli tal-appellat. Tagħlaq billi tgħid li id-deċiżjoni tal-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage* kienet waħda tajba li jekk tiġi disturbata, dan kien ser iwassal sabiex jinħoloq preċedent fejn jingħata sinjal li kollox kien aċċettabbli sabiex vettura titqies bħala *vintage.*

10. Min-naħa tiegħu l-appellat jissottometti li l-Awtorità appellanta qiegħda tittenta tqajjem dubju dwar l-interpretazzjoni korretta li għamel it-Tribunal tal-artikoli tal-liġi u anki tal-*policy guidelines* relattivi għall-każ odjern dwar *non-period engine.* Għalkemm l-Awtorità appellanta sserraħ l-argument tagħha fuq il-fatt li l-magna tal-vettura ma kinitx dik oriġinali, kemm il-liġi applikabbli u anki l-*policy guidelines* maħruġa minnha ma kinux jispeċifikaw li l-magna kellha tkun dik oriġinali jew tal-istess sena ta' manifattura. In sostenn tal-argument tiegħu, l-appellat jiċċita l-artikolu 2 tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta u anki l-artikolu 25 tal-istess liġi, kif ukoll il-*guidelines* li għamel riferiment għalihom ix-xhud Joseph Abela, fejn kellha tingħata importanza għall-interpretazzjoni ta' *"viċin l-istat oriġinali tagħha"* u *"as long as they reflect the period in question".* L-appellat jikkontendi li l-magna tal-vettura ġiet manifatturata sena wara biss li nħarġet il-vettura u hija prattikament identika għal dik oriġinali tagħha. Għalhekk tinkwadra ruħha sew fil-parametri tal-*policy guidelines.* Wara kollox, kemm il-liġi kif ukoll il-linji gwida kienu jippermettu li jkun hemm tibdil sakemm il-vettura bil-mutur *"tkun fi stat li jkun, kemm jista' jkun, viċin l-istat*

*oriġinali tagħha kif ikun ipproduċiha l-manufattur".* Kif ġie senjalat ukoll mit-Tribunal, l-istess linji gwida jipprovdu li *"upgrades and modifications are accepted as long as they reflect the period"* u t-Tribunal wasal għal interpretazzjoni ġusta u korretta meta qies li l-magna tista' titqies li hija tal-istess epoka għall-finijiet tal-linji gwida. L-appellat jissottometti li ħareġ ċar mix-xhieda tiegħu u mid-dokumenti ppreżentati minnu li: (1) il-magna hija tal-istess ċilindrata u l-istess kapaċità bħal dik oriġinali; (2) iż-żewġ magni kienu *turbo diesel*; (3) kellhom l-istess *bore* u *stroke*; u (4) l-ebda alterazzjoni jew modifika ma kienet neċessarja sabiex titqiegħed il-magna l-oħra. L-appellat isostni li l-unika differenza kienet li l-ewwel magna ġiet immanifatturata fil-1988 u t-tieni magna ġiet immanifattura fil-1989. Jirrileva li għalkemm l-Awtorità appellanta qiegħda ssostni li magna li tkun ħarġet wara li nħareġ il-mudell tal-vettura, qatt ma tista' titqies li hija tal-istess epoka, il-liġi u l-linji gwida jitkellmu dwar magna "tal-istess perijodu". Jissottometti li dawn il-linji gwida kuntrarjament għal dak li qiegħda ssostni l-Awtorità appellanta, ma jipprovdux li l-magni iridu jkunu nħarġu fl-istess perijodu. Fejn imbagħad l-Awtorità appellanta tirrileva li huwa naqas milli jagħmel riferiment għat-tieni eżempju fil-linji gwida, jgħid li dan huwa kien għamlu għaliex proprju ma kienx applikabbli għall-każ odjern.

11. It-Tribunal jiftaħ il-konsiderazzjonijiet tiegħu billi jgħid li l-vertenza bejn il-partijiet hija waħda pjuttost sempliċi fejn filwaqt li l-Awtorità appellanta qiegħda ssostni li l-bidla tal-magna tal-vettura skwalifikat l-istess vettura milli tiġi kklassifikata bħala *vintage*, l-appellat jgħid li l-bidla effettivament ma bidlet xejn min-natura tal-magna oriġinali. Minn hawn t-Tribunal jgħaddi sabiex

jiċċita l-paragrafu 2.2 tal-linji gwida magħmula mill-Awtorità appellanta sabiex jimxi fuqhom il-Kumitat għall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage,* kif ukoll il-paragrafu 3.4 u anki l-eżempji li jagħtu dawk il-linji gwida fir-rigward ta' tibdil aċċettat u dak mhux aċċettat f'magna ta' *Land Rover.* Wara li osserva li mill-informazzjoni[3] li ppreżenta l-appellat kien jirriżulta li kien hemm għadd ta' speċifikazzjonijiet taż-żewġ magni li kienu l-istess u oħrajn le, il-magna li ħarġet il-fabbrika sussegwenti għal dik oriġinali, setgħet titqies tal-istess epoka għall-finijiet tal-linji gwida fuq imsemmija. It-Tribunal isostni li t-tieni eżempju ċitat mill-Awtorità appellanta ma kienx applikabbli għall-każ odjern, għaliex proprju kien jirrigwarda magna li qatt ma ġiet manifatturata mill-fabbrika u li kienet ta' ċilindrata differenti. Jirrileva li l-linji gwida kienu jaċċettaw *upgrades* u modifiki sakemm dawn kienu jirriflettu l-epoka, u dan filwaqt li kkonsidra li l-magna tal-vettura li ħarġet biss sena wara dik oriġinali, kienet biss *upgrade* li kienet tirrifletti l-epoka u għalhekk il-Kumitat kien għamel interpretazzjoni ristretta ferm tal-paragrafu 3.4 tal-linji gwida u li ma kinitx fl-ispirtu tagħhom. It-Tribunal osserva li seta' kien hemm xi diskrepanzi bejn d-definizzjoni vera u proprja ta' vettura *vintage* u dak li kienu jipprovdu għalih il-linji gwida, iżda huwa kien marbut li jiddeċiedi l-vertenza abbażi tal-imsemmija linji gwida.

12. Din il-Qorti tibda billi tissenjala li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' dawn il-qrati, li liġi għandha saħħa akbar minn kull regolament li għandha s-setgħa li tagħmel awtorità, liema setgħa wara kollox tingħata mil-liġi nnifisha li anki tipprovdi għall-parametri ta' kif dik is-setgħa tiġi eżerċitata. Għalhekk tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 368 għandhom jipprevalu fuq dak li jipprovdu l-linji gwida maħruġa mill-Awtorità

[3] *A fol.* 44.

appellanta fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' vetturi *vintage.* Jekk it-Tribunal osserva xi diskrepanzi bejn il-liġi applikabbli u l-linji gwida msemmija, dan ma setax jagħżel li jimxi ma' dawn tal-aħħar meta hemm liġi appożita li tipprovdi mod ieħor. Ikun għalhekk għaqli li din il-Qorti qabelxejn tikkunsidra dak li tipprovdi għalih il-liġi.

13. L-artikolu 2 tal-Kap. 368 jagħti din id-definizzjoni ta' vettura *vintage:*

> *""vettura* vintage" *tfisser vettura awtentika u ġenwina li jkollha tletin sena jew aktar (li jibdew jgħoddu mid-data tal-manifattura), kif ċertifikata mill-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi* vintage*, li tkun miżmuma fi stat li jkun qrib kemm jista' jkun possibbli tal-istat oriġinali kif ikun ipproduċiha l-manifattur u li tkun tirrispetta l-ispirtu tal-preservazzjoni ta' vetturi klassiċi u* vintage*;"*

13. Is-subartikolu 25(2) tal-istess liġi jirrifletti d-definizzjoni ċitata meta jipprovdi kif ġej dwar il-klassifikazzjoni ta' vettura *vintage:*

> *"(2) Biex tiġi klassifikata bħala vettura* vintage*, vettura bil-mutur trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:*
>
> > *(a) il-vettura bil-mutur għandu jkollha tletin sena jew aktar li jibdew igħoddu mid-data tal-manifattura tagħha;*
> >
> > *(b) il-vettura bil-mutur għandha tkun fi stat li jkun, kemm jista' jkun, viċin l-istat oriġinali tagħha kif ikun ipproduċiha l-manifattur; u*
> >
> > *(ċ) il-vettura bil-mutur tkun ġiet miżmuma fi stat li jirrispetta l-ispirtu tal-preservazzjoni ta' vettura* vintage*."*

14. Il-paragrafu 2.2 tal-linji gwida jipprovdi bl-istess mod bħad-definizzjoni suċitata, kif fil-fatt jagħraf ukoll it-Tribunal:

> *"Vintage vehicle means an authentic and genuine vehicle thirty years of age or more (to be reckoned from the date of manufacture), as certified by the Vintage Vehicle Classification Committee, which is kept in a state which is as close as possible to its*

*original state as produced by the manufacturer and which respects the spirit of classic and vintage vehicle preservation".*

15. Għalhekk ma tirriżulta l-ebda diskrepanza bejn il-liġi u l-linji gwida, liema linji gwida wara kollox għandhom jiġu kkunsidrati bħala riflessjoni ta' dak li tipprovdi għalih il-liġi u li huma intiżi sabiex jelaboraw fuq dak li tipprovdi l-liġi b'mod li l-applikant jista' jifhem aħjar dak li huwa rikjest fir-rigward tal-vettura tiegħu.

16. Hawnhekk il-Qorti mill-ewwel tirrileva li l-liġi, u konsegwentement il-linji gwida, huma ċari u inekwivoċi fir-rigward ta' dak li huwa meħtieġ biex vettura tiġi kkunsidrata bħala vettura *vintage.* L-enfażi tal-liġi u anki tal-linji gwida huwa fuq l-awtentiċità u l-ġenwinità tal-vettura b'mod li din għandha tkun kemm jista' jkun viċin l-istat oriġinali tagħha kif magħmula mill-manifattur u li tirrispetta l-ispirtu tal-preżervazzjoni ta' vettura klassika u *vintage.* Iżda t-Tribunal tefa' l-enfażi tiegħu fuq il-kwistjoni jekk il-magna kinitx tal-istess epoka, skont l-interpretazzjoni tiegħu ta' din it-terminoloġija li tirrifletti biss iż-żmien *per se* u mhux il-perijodu sħiħ meta kienet qiegħda tiġi mmanifatturata l-magna, u wasal sabiex minkejja li għaraf li l-magna l-ġdida tal-vettura kellha diversi speċifikazzjonijiet differenti, din kellha tiġi kklassifikata bħala vettura *vintage* ai termini tal-linji gwida. Dan ukoll filwaqt li l-istess Tribunal għamel riferiment għall-paragrafu 3.4 tal-linji gwida li jenfasizza li *"if the engine fitted to the applicant vehicle was never fitted by the factory or factory approved third party, this is an automatic failing point".* Huwa minnu li l-istess paragrafu jkompli billi jgħid li *"upgrades and engine modifications are accepted as long as they reflect the period",* iżda hawnhekk ukoll il-Qorti tqis li t-Tribunal ma

kienx korrett meta kkunsidra li peress li l-magna tal-vettura kienet ħarġet sena wara, din kellha tiġi kkunsidrata bħala *upgrade* tal-magna oriġinali ai termini tal-linji gwida.

17. Ix-xhud Joseph Abela fl-*affidavit*[4] tiegħu jispjega fid-dettall u b'mod ferm ċar kif il-vettura li skont in-numru tax-xażi hija tat-tip *Land Rover 90"* u li ġiet immanifatturata fl-1988, kellha l-magna tagħha hekk imsejħa *"turbo diesel",* mogħtija prefiss speċifiku 19J mill-manifattur meta ġiet iddiżinjata fil-1983, ġiet mibdula b'waħda li kienet ġiet magħmula mill-manifattur għall-mudell *Defender* li ħareġ fl-1990. Jenfasizza li dan il-mudell tal-aħħar *"...avolja li kien żvillupat 90" ma kellu xejn min dan il-mudell għajr il-*body shape*. Kien aktar lussuż u rfinut, b'dettalji ħafna aqwa mill-predeċessur tiegħu. Din il-qabża fil-kwalità ġabet ukoll tibdil fil-magna. Id-Defender ingħatat il-magna il-ġdida, ċioé il-magna tad-Discovery, it-TDI 200."* Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-appellat min-naħa tiegħu ma ressaq l-ebda prova sabiex jikkontradixxi l-pożizzjoni meħuda mill-Awtorità appellanta, għajr għal estratt minn fuq *website* li saħansitra tikkonferma din il-pożizzjoni: *"The 200Tdi was launched in the Discovery in the 1989. It was then fitted to the utility Land Rover (renamed the Defender) in late 1990"*[5]*.* Ix-xhud Joseph Abela jkompli jispjega li b'hekk il-prefiss tal-magna fuq il-*log book* ġie aġġornat minn 19J għal 12L relattiv għall-magna TDI 200.

[4] *A fol.* 50.
[5] *A fol.* 46.

18. Ix-xhud Albert Pisani xehed[6] bl-istess mod u qal *"...meta rajnieha aħna kellha magna 12L li jigifieri din hija magna Tdi200 li kienet ġiet manifatturata sentejn wara li kienet ħarġet il-vetura".* B'hekk iddikjara li l-vettura ma ġietx ikkunsidrata li setgħet tiġi kklassifikata bħala vettura *vintage* fid-dawl tal-fatt li l-magna kienet ġiet mibdula ma' waħda iktar moderna.

19. Minn dan kollu jirriżulta li t-Tribunal ma kellux raġun li jikkunsidra li l-magna l-ġdida kienet tal-istess epoka skont kif jirrikjedu l-linji gwida. Kien ukoll żbaljat meta kkunsidra li t-tieni eżempju mogħti minn dawk il-linji gwida u li jipprovdi kif ġej, kien jirrigwarda magna li qatt ma ġiet immanifatturata mill-fabbrika:

> *"Unacceptable: The same vehicle as above originally fitted with a 2286cc rover engine, now fitted with a later 2495cc Rover engine which was never done by the factory."*

20. Kif jirriżulta mill-provi, fil-każ odjern il-manifattur qatt ma kien qiegħed il-magna l-ġdida fil-mudell tal-vettura inkwistjoni u huwa proprju dan li qed jipprovdi għalih dan l-eżempju, filwaqt li t-Tribunal hawnhekk ikkontempla sitwazzjoni ferm differenti fejn il-fabbrika saħansitra qatt ma kienet immanifatturat il-magna inkwistjoni.

21. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-aggravju tal-Awtorità appellanta ġustifikat u tilqgħu.

---

[6] Seduta tat-22.10.18.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-Awtorità appellanta billi tilqgħu u tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**